

31999R1455

L 167/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

2.7.1999

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1455/1999**ta' l-1 ta' Lulju 1999****li jesiġi in-normi tal-marketing għall-bżar ħelu**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 t'Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 2(2) tiegħu,

- (1) Billi bżar ħelu huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 bħala prodotti li dwarhom normi għandhom ikunu adottati; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 79/88 tat-13 ta' Jannar 1988 jesiġi in-normi tal-kwalità tal-ħass, indivja bil-weraq mibrum, indivja bil-weraq wiesgħa (*Batavian*) u bżar ħelu ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 888/97 ⁽⁴⁾, kien ġie emendat diversi drabi u m'għadhux aktar jassigura ċarezza legali;
- (2) Billi, fl-interess taċ-ċarezza, r-regoli dwar bżar ħelu għandhom ikunu separati minn dawk ta' prodotti oħra permezz tar-Regolament (KEE) Nru 79/88; billi r-regoli f'dak il-każ għandhom għalhekk ikunu miktuba mill-ġdid u l-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 79/88 dwar il-bżar ħelu jkun imħassar; billi, għal dak il-għan, għal raġunijiet ta' trasparenza fis-swieq dinjija, akkont għandu jittieħed tan-normi rakkomandati għal bżar ħelu mill-Grupp tax-Xogħol dwar l-Istandardizzazzjoni ta' Prodotti li Jitħassru u ta' Żvilupp tal-Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE);
- (3) Billi l-effetti ta' dawn in-normi għandhom ikunu li jneħħu prodotti ta' kwalità mhux sodisfaċenti mis-suq, iħejju produzzjoni li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-konsumatur u tiffaċilita it-relazzjonijiet tal-kummerċ fuq bażi ta' kompetizzjoni ġusta, b'hekk jgħinu biex jirrendu l-produzzjoni bi qliegħ akbar;
- (4) Billi n-normi huma applikabbli fl-istadji kollha tal-kummerċ; billi trasport ma' tul distanzi kbar, ħażniet għal tul ta' żmien twil u l-operazzjonijiet varji tal-maneġġjar li dwarhom il-prodotti jkunu soġġetti jistgħu jgħibu deterjorament minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-

prodotti jew it-tħassir tagħhom; billi akkont għandu jittieħed ta' dak id-deterjorament meta jkunu applikabbli in-normi fl-istadji tal-marketing wara t-tluq tal-oġġetti;

- (5) Billi l-miżuri li hemm disposizzjonijiet dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kunsill ta' Ġestjoni għal Frott u Ħxejjex Friski,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

In-normi tal-marketing jabilta għal bżar ħelu skond il-kodiċi CN 0709 60 10 għandhom ikunu stipulati fl-Anness.

In-normi għandhom ikunu applikati fl-istadji kollha tal-marketing permezz tal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

B'danakollu, fi stadji ta' wara t-tluq, il-prodotti jistgħu juru, b'relazzjoni mad-disposizzjonijiet tan-normi, nuqqas żgħir ta' freskezza u nefħa, u tħassir żgħir minnħabba l-iżvilupp tagħhom u t-tendenza li jitħassru.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 79/88 huwa emendat kif ġej:

1. fit-titolu, "indivja b'weraq mibrum, indivja b'weraq wiesgħa (*Batavian*) u bżar ħelu" huwa mibdul bi "indivja b'weraq mibrum w indivja b'weraq wiesgħa (*Batavian*)";
2. l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"In-normi tal-kwalità għall-ħass, indivja bil-weraq mibrum u indivja b'weraq wiesgħa (*Batavian*) li jidħlu fis-subintestaturi 0705 11, ex 0705 19 u 0705 29 00 tan-Nomenklatura Magħquda għandhom ikunu kif stipulati fl-Anness.;"
3. L-Anness II huwa mħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-ewwel jum tax-xahar wara dak tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.12.1996, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 100, tas-26.6.1999, p. 80.

⁽³⁾ ĠU L 10, ta' l-14.1.1988, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 126, tas-17.5.1997, p. 11.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

NORMI GĦALL-BŻAR ĦELU

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dawn in-normi japplikaw għal bżar ħelu tal-varjetajiet (*cultivars*) imkabbra minn *Capsicum annuum* L. li għandhom ikunu fornuti friski lill-konsumatur, bżar ħelu għal proċessar industrijali jkun eskluż.

Skond il-għamla tagħhom distinzjoni hija mgħamula għall-erba' tipi kummerċjali:

- bżar ħelu tawwali (bil-ponta),
- bżar ħelu kwadru (mingħajr ponta),
- bżar ħelu kwadru li jkun ġej bil-ponta (parti ta' fuq għamla ta' labra tal-inxir),
- bżar ħelu ċatt (bżar tat-tadam).

II. DISPOSIZZJONIJET LI JIRRIGWARDJAW IL-KWALITÀ

L-iskop tan-normi huwa li jiddefinixxi l-ħtiġijiet għal bżar ħelu wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Ħtiġiet minimi**

Fil-klassijiet kollha, suġġett għal disposizzjonijiet speċjali għal kull klassi u għat-tolleranza permessa, il-bżar ħelu għandu jkun:

- intatt,
- sod; prodott li jkunu affettwati bit-tħassir jew deterjorazzjoni hekk li jagħmluhom mhux tajbin għal konsum huma esklużi,
- nadif, prattikament ħieles minn kull element barrani
- frisk fid-dehra,
- prattikament ħieles minn insetti,
- prattikament ħieles minn ħsarat ikkawżati mill-insetti,
- żviluppat sew,
- ħieles mill-ħsarat ikkawżati mill-ġlata,
- ħieles minn ħsarat li ma jkunux fiequ,
- ħieles minn ħruq tax-xemx (ħlief għall l-ispeċifikazzjonijiet fil-Kapitolu B: Klassifikazzjoni, punt (ii)),
- b'żokk żgħir imwaħħal,
- ħieles minn umdità esterna anormali,
- ħieles minn xi rieħa stramba u/jew togħma.

L-iżvilupp u l-kundizzjoni ta' bżar ħelu għandu jkun tali li dawn ikunu jistgħu:

- jirreżistu t-trasportar u l-immaneġġjar, u
- jiwassal f'kundizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifikazzjoni**

Bżar ħelu huma klassifikati f'żewġ klassijiet, definiti hawn taħt:

(i) *Klassi I*

Bżar ħelu f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità tajba. Għandhom ikunu karrasteristiċi tal-varjetà u/jew tat-tip kummerċjali f'dak li jirrigwardja żvilupp, għamla u kulur billi jkun ikkunsidrat kemm ikun sar.

Għandhom ikunu:

- sodi,
- prattikament ħieles minn tbajja.

Iz-zokk qasir jista jkun kemm xejn imħassar jew maqtuħ bil-buttun intatt.

(ii) *Klassi II*

Din il-klassi tinkludi bżar ħelu li ma jikkwalifikax sabiex ikun inkluż fi Klassi I imma jissodisfa l-ħtiġiet minimi speċifikati hawn fuq.

Id-difetti li ġejjin jistgħu jitħallew basta li l-bżar iżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu f'dak li jirrigwardja l-kwalità, iż-żamm tal-kwalità u l-preżentazzjoni:

- difetti fil-għamla u l-iżvilupp,
 - ħruq mix-xemx jew hšarat żgħar li jkunu fiequ, b'limitu ta' 2 cm fit-tul tad-difetti jew ta' għamla tawwalija, u 1 cm² tat-total tal-wiċċ għal difetti oħra,
 - xquq irraq xotti superfiċjali li ma jeċċedux il-tul totali kumulattiv ta' 3 cm.
- Jistgħu jkunu anqas iebsa mingħajr ma jidbielu.
- Iz-zokk żgħir jista jkun imħassar jew maqtuħ.

III. DISPOSIZZJONJIET LI JIKKONĊERNAW IL-QISIEN

Il-qies huwa ddeterminat bid-dijametru tal-ispalla (wiesa') tal-bżar ħelu. Fil-każ ta' bżar ħelu ċatt (bżar tat-tadam) it-termini "wiesa'" jfisser id-dijametru massimu tal-qadd

Għal bżar ħelu li jkun imkejjel, id-differenza fid-dijametru bejn l-akbar u l-iżgħar bżar ħelu fl-stess paletta ma jistax jeċċedi 20 mm.

Il-wisgħa tal-bżar ħelu ma tistax tkun anqas minn:

- bżar ħelu tawwali (bil-ponta): 30 mm
- bżar ħelu kwadru (ċatt) u bżar ħelu kwardu li jkun ġej għal ponta (parti ta' fuq f'għamla ta' labbra tal-inxir): 40 mm
- bżar ħelu ċatt (bżar tat-tadam): 55 mm

Il-qisien mħumiex obligatorji għal Klassi II, soġġetti għal qisien minimi.

Id-disposizzjonijiet ta' hawn fuq ma japplikawx għal bżar ħelu b'fosdqa rġieqa ta' tul medju ("tip peperoncini") imkabbbar minn varjetajiet partikolari ta' *Capsicum annuum L. var. longum*. Dawn għandhom jeċċedu 5 cm fit-tul.

IV. DISPOSIZZJONJIET LI JIRRIGWARDAW IT-TOLLERANZI

Tolleranzi f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalità u daqs għandhom ikunu permessi għal prodotti li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-klassi ndikata.

A. **Tolleranzi fil-kwalità**(i) *Klassi I*

10 % bin-numru jew bil-piż ta' bżar ħelu li ma jissodisfax il-ħtiġiet tal-klassi, imma li jilħqu dawk tal-klassi II jew, eċċezzjonalment, li jkunu fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(ii) *Klassi II*

10 % bin-numru jew bil-piż ta' bżar ħelu li ma jissodisfa la l-ħtiġiet tal-klassi u l-anqas il-ħtiġiet minimi, bl-aċċezzjoni ta' prodott affettwat bit-tħassir jew b'xi deterjorament ieħor li jgħamlu mhux tajjeb għall-konsum.

B. **Tolleranzi fid-daqs**(i) *Klassi I*

10 % bin-numru jew bil-piż ta' bżar ħelu li ma jkunx konformi mal-qisien identifikati fil-marġini ta' ± mm inkluż mhux aktar minn 5 % ta' bżar ħelu anqas mid-daqs minimu kif esiġiet.

(ii) *Klassi II*

— Bżar ħelu skond id-daqs

10 % bin-numru jew bil-piż ta' bżar ħelu li ma jkunx konformi mal-qisien identifikati fil-marġini ta' \pm mm inkluż mhux aktar minn 5 % ta' bżar ħelu anqas mid-daqs minimu kif esiġiet.

— *Bżar ħelu li ma jkunx skond id-daqs*

5 % bin-numru jew bil-piż ta' bżar ħelu sa 5 mm iżgħar mid-daqs minimu kif stipulat.

V. DISPOSIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-PREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett għandhom ikunu uniformi u jkun fihom bżar ħelu biss tal-istess oriġini, varjetà jew tip kummerċjali, kwalità, daqs (jekk bid-daqs) u, fil-każ ta' Klassi I, li aktarx ikun ta' l-istess grad ta' kemm ikun sar u tal-kulur.

B'danakollu, taħlita ta' bżar ħelu ta' kuluri differenti huwa permess sakemm l-oriġini, it-tip kummerċjali, il-kwalità jew id-daqs (jekk skond id-daqs) ikunu uniformi u li jkun hemm l-istess numru ta' bżar ħelu ta' kull kulur.

Għall-pakketti ta' bżar ħelu b'piż minimu ta' 1 kg, uniformità hija biss meħtieġa f'dak li għandu x'jaqsam mal-oriġini u l-kwalità. Meta jinbiegħu bżar ħelu ta' kuluri differenti, l-uniformità tal-oriġini mhix meħtieġa.

Fil-każ ta' prodotti skond id-daqs, bżar ħelu tawwali għandu jkun ta' uniformità suffiċjenti fit-tul.

Il-parti viżibbli tal-kontenut tal-pakketti għandha tkun rapreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Pakketti**

Il-bżar ħelu għandu jkun ippakkjat b'tali mod li l-prodott ikun imħares kif xieraq.

Il-materjal wżat għewwa l-pakketti għandu jkun għdid, nadif u ta' kwalità tali li tevita xi ħsara esterna jew interna għall-prodott. L-użu ta' materjal, partikolarment karta jew timbri li jkollhom l-ispeċifikazzjoni tan-negozju, basta li l-istampar jew it-tikkettjar ikun sar b'linka jew kolla li ma tkunx tossika.

il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kull materjal barrani.

VI. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW L-IMMARKAR

Kull pakkett għandu jkollu fuqu dawn il-partikolaritajiet, b'ttri miġbura flimkien fuq l-istess naħa, immarkati b'linka li ma titħassar u li jistgħu jinqraw, u viżibbli minn naħa ta' barra:

A. **Identifikazzjoni**

Min jippakkja u/jew min jibgħat: Isem u ndirizz jew simbolu uffiċjalment maħruġ jew aċċettat. B'danakollu, meta kodiċi (simbolu) tkun użata, il-kliem "ipakkat u/jew minbgħut" (jew abbrevjazzjonijiet ekwivalenti) għandhom jitqiegħedu viċin ta' din il-kodiċi (simbolu).

B. **Natura tal-prodott**

— "Bżar ħelu" u l-kulur jew kuluri jekk il-kontenut ma jkunx viżibbli minn barra.

— It-tip kummerċjali ("tawwali", "kwadru ċatt", "kwadru bil-ponta", "ċatt") jew isem tal-varjetà jekk il-kontenut ma jkunx viżibbli minn barra.

— "Peperoncini" jew denominazzjoni ekwivalenti fejn xieraq.

C. **Oriġini tal-prodott**

— Pajjiż tal-oriġini u, jekk iridu, distrett fejn ikun imkabbar jew in-nazzjonalità, ir-reġjun jew l-isem tal-post lokali.

D. **Speċifikazzjoni kummerċjali**

— Klassi

— Daqs (jekk skond id-daqs) muri bħala dijometri minimi u massimi jew il-marka "mhux skond id-daqs" kif xieraq

— Piż nett u numru ta' unitajiet (mhux obligatorju).

E. **Marki uffiċjali ta' kontroll (mhux obligatorji)**